# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 33/2014 LSO**

**Jane Agius**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali, il-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u l-Onorevoli Prim' Ministru**

1. Dan huwa appell tal-attur konvenuti minn sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2015 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li kkundannathom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' ħamest elef euro (€5,000) "bħala kumpens non-pekunjarju" minħabba l-ksur tal-Art. 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-Art.2 tal-

Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] bil-mewt tan-neputi tagħha waqt li dan kien miżmum fil-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin [“il-Faċilità”]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Carlos Chetcuti, awtur u neputi tal-attriċi, miet fit-22 ta’ Frar 1995 waqt li kien miżmum fil-Faċilità. Dak iż-żmien Carlos Chetcuti, li kellu ħamsa u għoxrin sena, kien qiegħed jingħata trattament mediku billi, fost ħwejjeġ oħra, kien jingħata dożi ta’ *methadone*, minħabba dipendenza fuq droga. Il-kawża tal-mewt kienet *œdema* pulmonari wara illi impjegat tal-Faċilità aċċidentalment tah doża ta’ *methadone* li kienet id-doppju ta’ kemm kellu jingħata.

3. Fit-12 ta’ Mejju 1995 Vincent Chetcuti, missier Carlos, fetaħ kawża ċivili fl-ismijiet Vincent Chetcuti *v.* Direttur tal-Ħabs u Ministru tal-Intern li biha talab dikjarazzjoni ta’ responsabilità tal-konvenuti għall-mewt ta’ ibnu, u likwidazzjoni u ħlas ta’ danni. Waqt is-smigħ tal-kawża Vincent Chetcuti miet u l-kawża tkompliet fl-isem ta’ Jane Agius, l-attriċi tallum.

4. B’sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2010 il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet hekk:

> ““... ... ... issib lill-konvenuti responsabbli għall-event tad-deċess tad-detenut Carlos Chetcuti, tillikwida d-danni riżarċitorji fl-ammont ta’ tlieta u ħamsin elf erba’ mija u sebgħa u disgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€53,497.50), u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma hekk likwidata in linea ta’ danni, bl-interessi mid-data ta’ din is-sentenza. L-ispejjeż ġudizzjarji kollha jitbatew mill-konvenuti.”

5. B'sentenza tal-1 ta' April 2014 il-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti billi kkonfermata dwar id-dikjarazzjoni ta' responsabilità iżda naqqset id-danni għal tmienja u tletin elf, mitejn u tlettax-il euro (€38,213).

6. Fis-6 ta' Mejju 2014, imbagħad, l-attriċi fetħet il-kawża tallum u talbet illi l-Qorti:

> "1. tiddikjara li minħabba li l-Istat ma ħejjiex sistema ta' kura adegwata ġewwa l-ħabs kif ukoll minħabba li kien l-Istat stess li b'negliġenza kkawża l-mewt ta' Carlos Chetucuti fit-22 ta' Frar 1995 waqt li inkarċerat ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ġie leż id-dritt fundamentali ta' Carlos Chetcuti għal protezzjoni tal-ħajja hekk kif sanċit fl-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
> "2.tiddikjara li l-fatt li l-artikoli 1045 u 1046 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtux lok għal kumpens morali jew danni non-pekunjarji fiċ-ċirkostanzi odjerni jilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti hekk kif sanċit fl-artikolu 13 tal-Konvenjoni Ewropea;
> "3.taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettieq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tiffissa kumpens dovut bħala danni morali."

7. Bis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2015 li minnha sar dan l-appell l-ewwel Qorti, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti illi l-attriċi ġà ngħatat rimedju xieraq mill-qrati ordinarji, illi l-attriċi ma għandhiex *locus standi* bħal vittma, u illi l-Prim' Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu, laqgħet l-eċċezzjoni illi l-Art. 13 tal-Konvenzjoni ma jagħtix "dritt ġenerali jew assolut" għal danni morali, u ċaħdet l-eċċezzjonijiet fil-meritu, qatgħet il-kawża hekk:

> "1)tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li minħabba li l-Istat ma ħejjiex sistema ta' kura adegwata ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin kif ukoll minħabba li kien l-Istat stess li b'negliġenza kkawża l-mewt ta' Carlos Chetcuti fit-22 ta' Frar 1995 waqt li kien inkarċerat ġewwa l-imsemmija Faċilità ġie leż id-dritt fundamentali ta' Carlos Chetcuti għal protezzjoni tal-ħajja hekk

kif sanċit fl-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 33 tal-Kostituzjoni ta' Malta;
"2)tiċħad it-tieni talba;
"3)tilqa' it-tielet talba u tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' ħamest elef euro (€5,000) bħala kumpens non-pekunjarju għad-drittijiet leżi:
"L-ispejjeż jitħallsu mill-intimati."

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

"Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti Jane Agius, li hija l-unika eredi ta' Carlos Chetcuti, qed titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja u rimedji effettivi għall-allegat leżjoni tad-drittijiet fundamentali tan-neputi tagħha l-imsemmi Carlos Chetcuti, li miet fit-22 ta' Frar 1995 waqt li kien inkarċerat ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Ir-rikorrenti qed tinvoka l-protezzjoni tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"] u l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta [aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"]. *Inoltre* r-rikorrenti qed tilmenta li l-artikoli 1045 u 1046 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma leżivi tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea billi ma jagħtux lok għall-kumpens morali jew danni non-pekunjarji u talbet li jiġi akkordat rimedju effettiv fosthom kumpens dovut bħala danni morali.
L-intimati l-Avukat Ġenerali, il-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u l-Onorevoli Prim' Ministru issollevaw diversi eċċezzjonijiet, kemm ta' natura proċedurali kif ukoll fil-mertu. Huma eċċipew in linea preliminari li l-proċeduri odjerni huma pernjati fuq l-istess episodju fattwali li kien il-mertu trattat fi proċeduri ċivili għad-danni akwiljani fil-każ fl-ismijiet Vincent Chetcuti *v.* Direttur Ġenerali tal-Ħabs *et* deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 2014. Sewwa sew isostnu li r-rikorrenti ġà ġiet soddisfatta b'rimedju xieraq, effikaċi u effettiv konsistenti fl-ammont ta' danni likwidati mill-Qorti tal-Appell bħala kumpens pekunjarju. Eċċipew *inoltre* li r-rikorrenti m'għandhiex *locus standi* f'dawn il-proċeduri bħala "il vittma" *ai fini* tat-talbiet odjerni. Fit-tielet lok igħidu li l-Onorabbli Prim' Ministru mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li għandu konsegwentement jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Kwantu għall-eċċezzjonijiet fil-mertu jirrespinġu l-alleg-azzjoni li l-Istat kien leżiv tal-artikoli invokati mir-rikorrenti u *inoltre* li, kontrarjament għal-lanjanza tar-rikorrenti, l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jagħtix garanzija ta' xi dritt ġenerali jew assolut għal danni morali imma biss jirrikjedi li għandu jingħata rimedju effettiv f'każ tad-dritt leż. Dan ifisser, skont l-intimati, li l-artikolu 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta huma pjenament

kompatibbli mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni billi jagħtu rimedju effettiv.

“Riferibbilment għat-tieni eċċezzjoni preliminari dwar l-i*status* tar-rikorrenti ta’ vittma, l-istess intimati, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom ikkonċedew li Jane Agius, bħala eredi ta’ Carlos Chetcuti, tista’ tiġi kkonsidrata bħala vittma indiretta fid-dawl tal-każistika l-aktar akkolta tal-Qorti Ewropea (McCann and Others *v.* United Kingdom[1], Yaşa *v.* Turkey[2]). Għalhekk iddikjaraw li mhumiex qed jinsistu aktar dwar din l-eċċezzjoni.

“Riżultanzi Fattwali

“Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti kif jemerġu mill-atti proċesswali tal-każ surriferit fl-ismijiet Vincent Chetcuti *v* Direttur Ġenerali tal-Ħabs *et*. Dawn l-atti ġew allegati mal-atti ta’ din il-kawża u għandhom jitqiesu bħala parti integrali tal-proċess odjern. Din il-Qorti tagħmel riferenza sħiħa għall-aċċertamenti u konklużjonijiet tal-On. Qorti tal-Appell, li kkonfermat, għajr għall-*quantum* tad-danni, is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili.

“Għall-kompletezza ser tiċċita brani mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li jidhrilha huma l-aktar rilevanti għall-każ tallum. Fis-sentenza msemmija nstab li:

> ““Carlos Chetcuti miet waqt id-detenzjoni tiegħu minħabba *pulmonary œdema* kompatibbli ma’ *fatal methadone poisoning.* Fil-fatt, jum qabel ma d-detenut miet, l-assistenta tal-psikjatra tal-Faċilità Korrettiva kienet amministrat doza ta’ 40cc *methadone* minflok dik ta’ 20cc preċedentement mogħtija lilu. Is-Sur Chetcuti kien taħt il-kura tat-tobba peress illi kellu dipendenza fuq id-droga. L-ewwel Qorti sabet kontra l-konvenuti wara li qieset li fil-Faċilità Korrettiva ‘ma kienx hemm sistema ta’ amministrazzjoni ta’ kura għad-detenuti tossiko-dipendenti, u kollox kien jimxi fuq bażi sporadika’.”

“Fi kliem il-Qorti:

> ““Mill-atti joħroġ li t-trattament ta’ persuni tossiko-dipendenti, fiż-żmien tad-deċess tas-Sur Chetcuti, ma kienx isir b’dik l-attenzjoni u kura li trattament bħal dak jirrikjedi. Ma kienx hemm struttura li tirregola l-għoti u t-teħid ta’ *methadone* u jidher li kollox kien isir b’mod *amateurish* u sporadiku. Ma kienx hemm *nurses* kwalifikati u l-assistenta tal-psikjatra tal-Faċilità lanqas kellha sħarriġ f’dan il-kamp … … … Kien hemm kollass totali tas-sistema eżistenti (jekk dak li kien jeżisti tista’ ssejjaħlu “sistema”), u jidher li ħadd fl-awtortità ma kien interessat jirranġa s-sitwazzjoni.””

“F’dawk il-proċeduri ġew nominati esperti mediċi. Mir-rapport tat-tliet esperti mediċi rigwardanti l-proċedura adoperata fl-epoka in kwistjoni, u li għalih tagħmel ampja referenza l-Qorti tal-prim’istanza ġew ikkonstatati:

> ““nuqqasijiet serji fl-amministrazzjoni tal-kura lil detenuti tossiko-dipendenti, u qari waħdu tar-rapport ma jistax ma jitfax dell ikrah fuq min kien responsabbli. L-għoti ta’ *methadone*

[1] 27 ta’ Settembru 1995, rik. 18984/1991.

[2] 2 ta’ Settembru 1998, rik. 22495/1993.

> mhix xi ħaġa li għandha ssir bla kontroll u mingħajr analiżi sew ta' x'ingħata u x'ittieħed fil-passat mill-pazjent, u l-*file* ta' dan (jekk kien hemm) irid jinżamm b'ċerta attenzjoni u metikolożament, biex id-detenut jiġi trattat bħala pazjent u mhux bħala numru … … … Persuna li għandha bżonn attenzjoni medika trid tingħata l-istess livell ta' kura, tkun fejn tkun rikoverata, u l-fatt li f'ħabs ikun hemm ċertu restrizzjonijiet fuq il-libertà tad-detenuti ma jfissirx li l-assistenza medika tista' tkun f'livell anqas milli jingħata fi sptarijiet pubbliċi. Persuna detenuta fil-Faċilità Korrettiva taħt ordni ta' Qorti titqiegħed taħt il-kustodja tal-awtoritajiet governattivi kompetenti, u hu d-dmir ta' dawn li jaġixxu *uti bonus paterfamilias*, u, jekk detenut ikun b'xi mod "marid", jassiguraw li dan jingħata kura bid-diliġenza kollha opportuna … … …; f'dan il-każ, però, in-nuqqasijiet fl-istruttura kienu inġenti u ilhom jiġu pprattikati. Kulħadd kien jimxi fuq dak li kien jiġri qabel, u la l-Ministru u lanqas id-Direttur ma dehrilhom li kellhom jeżaminaw sistema li, kellu jkun ċar, kienet inadegwata."

"Il-Qorti tal-Appell, b'konferma tas-sentenza tal-ewwel Qorti, ma kellha l-ebda esitazzjoni biex issib kemm lill-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali kif ukoll id-Direttur tal-Ħabs responsabbli għall-akkadut. … … …

"Kliem il-Qorti tal-Appell, b'konferma tas-sejbien tal-ewwel Qorti, huma kliem ta' kundanna inkondizzjonata tan-nuqqasijiet sistematiċi u inġenti misjuba fit-trattament ta' detenuti tossikodipendenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Ir-rikorrenti takkampa fuq dawn in-nuqqasijiet inkonfutabbli meta issostni li l-Istat naqas mill-obbligu li jħares u jipproteġi l-ħajja ta' Carlos Chetcuti b'leżjoni tal-obbligazzjonijiet imposti bl-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni. Hi ssostni li l-att leżiv kien wieħed dirett, *cioè*, is-somministrazzjoni tad-doża fatali ta' *methadone* minn aġent tal-Istat, kif ukoll indirett in kwantu li l-Istat Malti naqas mill-obbligazzjoni pożittiva inerenti fl-artikolu 2, li tħares il-ħajja tad-detenut Chetcuti billi naqset li tipprovdi sistemi u strutturi adegwati għall-kura tiegħu.

"Konsiderazzjonijiet Dwar l-Eċċezzjonijiet Sollevati

"Eċċezzjonijiet Preliminari

"I. Ir-rikorrenti ġà ottjeniet rimedju xieraq, effikaċi u effettiv.

"Din l-eċċezzjoni qed tiġi sollevata *ai termini* tal-*proviso* għall-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kapitolu 319 li permezz tal-istess l-intimati qed jistiednu lil din il-Qorti biex tiddeklina milli tezerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha.

"… … …

"Illi issa fil-każ in eżami r-rikorrenti indubbjament kellha toroq legali oħra disponibbli għaliha għall-investigazzjoni tal-akkadut, għad-dikjarazzjoni tar-respnsabbilità u għar-rizarċiment għad-danni. Kontrarjament għal dak li jokkorri f'ħafna proċedimenti kostituzzjonali, ir-rikorrenti ġà segwiet dawn il-proċeduri ordinarji b'suċċess tant li otteniet il-kundanna tal-organi tal-Istat involuti għall-mewt kolpuż ta' Carlos Chetcuti kif ukoll otteniet kumpens għad-danni materjali pekunjarji (*damnum emergens* u *lucrum*

*cessans*) fl-ammont mhux negliġibbli ta' tmienja u tletin elf, mitejn u tlettax-il euro (€38,213).

"Madanakollu t-talbiet odjerni, imsejsin fuq allegat leżjoni tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni, imorru *oltre* s-sempliċi kumpens pekunjarju in kwantu li jimmiraw preċiżament għall-kumpens għad-danni morali, liema danni morali mhumiex ikkontemplati fil-liġi ċivili tagħna u jeżorbitaw minn dak prefiss bl-artikolu 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili.

"Fil-mori ta' din il-kawża ngħatat sentenza mill-Qorti Ewropea fil-każ Brincat and others *v.* Malta, deċiża fl-24 ta' Lulju 2014 fejn il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tindirizza kwistjonijiet simili għal dawk sollevati fil-każ tallum, partikolarment it-tip ta' rimedji aċċessibbli għall-vittmi ta' leżjoni ta' drittijiet fondamentali fl-ordinament ġuridiku Malti. F'din id-deċiżjoni, il-Qorti Ewropea esprimiet ruħha dwar ir-rimedju għad-danni morali f'każ ta' leżjoni tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

"Dawk il-proċeduri ġew istitwiti wara li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimati fil-kawża Joseph Brincat *et v. Policy Manager* tal-*Malta Shipyards et* – deċiż fil-11 ta' April 2011 billi rrietniet hekk:

> ""Din il-Qorti però, bħall-ewwel Qorti, hija tal-fehma li billi r-rikorrenti kienu qed jitolbu riżarċiment ta' danni, l-azzjoni taħt il-liġi ordinarja kienet tagħtihom rimedju sħiħ għall-ilment tagħhom. Ir-rikorrenti m'għandhom ebda dritt għal danni morali taħt il-liġi ordinarja u l-Konvenzjoni Ewropea ma tagħti ebda dritt ġenerali jew assolut għal danni morali f'każijiet bħal dawn".

"Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għażlet li ma teżerċitax id-diskrezzjoni tagħha taħt il-*proviso* premess. Tajjeb li jiġi affermat li, kontrarjament għall-każ odjern, ir-rikorrenti f'dik il-kawża għażlu li jieħdu t-triq kostituzzjonali mill-ewwel mingħajr ma ittentaw kawża ċivili proprju għaliex kienu qed jimmiraw ukoll għad-danni morali.

"Il-Qorti Ewropea ma kenitx tal-istess fehma u irriteniet:

> ""Nevertheless, the Court notes that an action in tort which is perfectly capable of awarding material/pecuniary damage does not in general provide for an award of non-pecuniary damage ("moral damage" as understood in the Maltese context)"

"u, wara li kkonsidrat l-element diskrezzjonali tal-*proviso*, ikkonkludiet li:

> ""In the specific circumstances of the case, the Court is therefore satisfied that the national judicial authorities were provided with the opportunity to remedy the alleged violations of the Convention but failed to do so. Consequently, from the Court's perspective, the applicants' institution of constitutional proceedings sufficed in the present case for the purpose of exhaustion of domestic remedies in respect of the substantive complaints under Articles 2, 3 and 8."

"… … …

"Fl-isfond tal-interpretazzjoni kostanti tal-ġurisprudenza tagħna f'dawn l-aħħar deċenni dwar it-tip ta' rimedju sanċit bl-artikoli 1033, 1045 u 1046 tal-Kap. 16, din il-Qorti hi tal-fehma li dawn

id-disposizzjonijiet jeskludu rimedju ordinarju għad-danni morali u r-rikorrenti ma kellhiex triq oħra għajr ir-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali biex titlob rimedju simili.

"Għal dawn il-motivi, meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li ma ngħatatx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha.

"Għalhekk billi r-rikorrenti qed titlob preċisament rimedju non-pekunjarju fl-isfond ta' allegata leżjoni tal-artikolu 2 tal-Kovenzjoni u tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, hi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li r-rikorrenti ma kellhiex, fl-istat attwali tal-liġi tagħna, rimedju ordinarju effettiv għad-danni msemmija u għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

"It-Tieni Eċċezzjoni Preliminari - Il-Prim' Ministru mhuwiex il-Leġittimu Kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

"L-intimati jinvokaw l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħidu li l-Avukat Ġenerali huwa l-legittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u mhux il-Prim' Ministru.

"L-intimati jissottomettu li l-Prim' Ministru mhuwiex responsabbli għall-mansjoni ġornaljera tal-amministazzjoni tal-ħabs li dwarha huwa indirizzat l-ewwel parti tal-ilment tar-rikorrenti. Rigward it-talba konċernanti l-liġi sostantiva (artikoli 1045 u 1046 tal-Kap. 16) jissottomettu li filwaqt li l-Prim' Ministru huwa l-persuna li normalment jistiga l-bidu tal-proċess leġislativ, huwa l-Parlament li finalment jippromulga l-liġijiet. Għalhekk isostnu li huwa l-Avukat Ġenerali l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri a tenur tal-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 billi l-Parlament m'għandux personalità ġuridika biex jirrappreżenta lilu nnifsu fil-qrati.

"… … …

"Ikkonsidrat li filwaqt li l-ilment tal-intimati huwa f'waqtu fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, l-istess ma jistax jingħad għat-tieni talba fejn ir-rikorrenti qed timpunja disposizzjonijiet tal-liġi bħala leżivi tad-drittijiet fondamentali tagħha. F'dan ir-rigward għalhekk, l-intimat l-Onorevoli Prim' Ministru jkollu *locus standi* fil-kawża mqar b'riferenza għal dik it-talba.

"Għaldaqstant anke din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

"Konsiderazzjonijiet fil-Mertu.

"Ksur tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni.

"Ir-rikorrenti tikkontendi li l-Istat ma osservax l-obbligazzjonijiet imposti taħt l-artikoli in eżami, sew peress li kienet impjegata statali li ssomministrat id-doża fatali lil Carlos Chetcuti, u sew peress li ma kienx hemm sistema adegwata ta' protezzjoni fil-ħabs għat-trattament ta' detenuti tossico-dipendenti. B'hekk, tissottometti, din il-Qorti għandha ssib li l-Istat ta' Malta kiser mhux biss l-obbligu li ma jkunx il-kaġun dirett ta' mewt ta' Chetcuti, iżda anke l-obbligazzjonijiet pożittivi inerenti fl-artikolu imsemmi li jipproteġi l-ħajja tal-individwu permezz ta' strutturi

adegwati għat-tħaris tiegħu. Tikkontendi li l-obbligu tal-Istat kien wieħed aktar onerus ġaladarba Carlos Chetcuti kien dipendenti fuq l-Istat minħabba li kien detenut fil-ħabs, u kien aktar vulnerabbli minħabba d-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

"… … …

"Riferibbilment għall-artikolu 2 tal-Konvenzjoni, hu paċifiku li dan l-artikolu jħaddan aspetti kemm sostantivi kif ukoll proċedurali. Minnbarra dan, il-Qorti Ewropea rrikonoxxiet li dan l-artikolu jimponi mhux biss obbligu li l-Istat ma jipprivax persuna arbitrarjament mill-ħajja iżda li l-Istat għandu jieħu dawk il-azzjonijiet jew miżuri pożittivi raġonevolment mitluba biex tiġi żgurata l-protezzjoni għall-ħajja (*positive obligations*).

"…… …

"L-intimati jissottomettu li l-artikolu 2 u l-artikolu 33 għandhom jinqraw *ad litteram* u japplikaw biss għall-privazzjoni intenzjonali tal-ħajja. Igħidu li għalkemm huwa minnu li l-awtoritajiet tal-ħabs ma vviġilawx *uti bonus paterfamilias* fuq is-saħħa tal-priġunier Carlos Chetcuti, "però ma rriżultax li n-nuqqas da parti tal-awtoritajiet kien wieħed intenzjonat" u għalhekk l-Istat m'għandux jitqies li lleda l-jeddijiet sanċiti b'dawk l-artikoli.

"Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni li ma ssibx konfort fil-każistika tal-Qorti Ewropea … … … fejn jinsab ritenut li l-artikolu 2 jimponi obbligazzjoni pożittiva sostantiva u anke proċedurali fuq l-Istat.

"… … …

"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, il-Qorti tagħraf li Carlos Chetcuti kien fil-kustodja tal-Istat Malti meta ġiet somministrata doża fatali ta' *methadone* u dan bħala trattament għat-tossico-dipendenza tiegħu. L-eżistenza ta' ness kawżali bejn is-somministrar tad-doża fil-kuntest tan-nuqqasijiet inġenti fis-sistema adoperata fil-ħabs u l-mewt ta' Chetcuti huma kkonfermati mill-Qorti tal-Appell li sabet, *inoltre*, lid-Direttur tal-Ħabs u lill-ministru responsabbli għall-akkadut.

"Din l-azzjoni da parti tal-impjegata tal-Istat ma tistax, iżda, titqies li kienet waħda intenzjonali u ċertament ma tressqux provi f'dan is-sens. Il-mewt tad-detenut kien ir-riżultat ta' sensiela ta' omissonijiet fl-istruttura responsabbli għall-kura tad-detenut. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju li l-mewt ta' Carlos Chetcuti seta' ġie evitat bil-kura u attenzjoni adegwata tad-dirigenti tal-ħabs u mill-ministru responsabbli li kellhom obbligu li jdaħħlu sistema effettiva għall-protezzjoni tiegħu tenut kont il-posizzjoni vulnerabbli tiegħu. Għaldaqstant tikkondividi l-kundanna tan-nuqqasijiet misjuba li ġiet espressa mill-qrati ċivili.

"L-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni

"Ir-rikorrenti qed tallega ksur ta' dan l-artikolu flimkien mal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni. Il-kliem tal-artikolu 33 mhuwiex eżattament l-istess bħat-test tal-artikolu 2. L-artikolu 2 jibda bis-sentenza "*Everyone's right to life shall be protected by law*". Dan il-prinċipju assolut mhuwiex rispekkjat fl-artikolu 33 li jinkorpora biss it-tieni frażi tal-artikolu 2. Wieħed jista' jirraġuna li din il-frażi

tħalliet barra appożitament u għalhekk l-artikolu 33 jitkellem biss dwar indħil dirett mill-Istat.

"Iżda dan l-artikolu għandu jingħata l-istess applikazzjoni bħall-artikolu 2 tal-Konvenzjoni għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett hu paċifiku li r-responsabbilità ġuridika temani mhux biss fuq att pożittiv u dirett, imma anke minn att ta' omissjoni fejn persuna tonqos milli tagħmel dak li hu mistenni raġonevolment minnha. Att ta' omissjoni jista' jkun leżiv daqs att ta' kommissjoni.

*"Inoltre*, l-obbligazzjoni sanċita bl-artikolu 33 hija waħda essenzjalment tal-protezzjoni tal-ħajja minn azzjonijiet illegali u arbitrarji tal-Istat. Dan jirrikjedi li l-Istat għandu jkun marbut mhux biss milli jindaħal fit-tgawdija ta' tali dritt imma anke li jieħu mizuri pożittivi biex jassigura t-tħaris tad-dritt; *altrimenti* dan l-artikolu ikun wieħed dgħajjef u ineffettiv.

"Għaldaqstant u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ser tilqa' l-ewwel talba billi ssib lill-intimati responsabbli għall-ksur tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"Leżjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni

"… … …

"It-Tielet Talba - Rimedji Xierqa

"Ikkonsidrat li r-rikorrenti ġà ottjeniet kumpens mill-Qorti tal-Appell ta' Malta fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, mitejn u tlettax-il euro (€38,213) rappreżentanti danni pekunjarji (*damnum emergens* u *lucrum cessans*).

"Din il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa fl-apprezzament tar-rimedju li għandu jiġi ordnat, dejjem fil-perspettiva tal-fatti tal-każ in ezami.

"Ikkonsidrat li Carlos Chetcuti miet intortament fl-età zagħżugħa ta' 25 sena. Dan kollu kien il-bażi tal-mekkanizmu adoperat mill-qrati civili fil-kalkolu tad-danni materjali.

"Ikkonsidrat iżda li r-rikorrenti mhix omm id-*decujus* u l-i*status* tagħha quddiem din il-Qorti illum tidderiva mill-fatt li hija l-eredi ta' Vincent Chetcuti, missier Carlos, li miet fil-mori tal-proċeduri ċivili. Ma jirriżultax li kienet dipendenti tad-*decujus* u lanqas li kien hemm xi affinità affettiva bejnha u bejn iż-żagħżugħ għajr għar-rabta familjari li teżisti bejn zija u neputi. Mkien mhu qed jiġi allegat li hi soffriet trawma u xi tbatija emotiva riżultanti mill-mewt tan-neputi tagħha.

"Il-Qorti, wara li rat l-ammonti likwidati mill-Qorti Ewropea favur ġenituri tad-*decujus* (GBP 20,000 fil-każ ta' Paul and Audrey Edwards *v.* UK[3] u €25,000 fil-kaz ta' Tarariyeva *v.* Russia[4]), u favur l-armel, tfal u l-aħwa tad-*decujus* (€20,000 bejniethom fil-kaz Bljakaj and others *v.* Croatia[5]) tqis li, tenut kont il-fatturi kollha fuq enunċjati, għandha tillikwida l-ammont ta' ħamest elef euro (€5,000) għad-danni non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti.«

---

3 14 ta' Marzu 2002, rik. 46477/1999.

4 14 ta' Diċembru 2006, rik 4353/2003.

5 18 ta' Settembru 2014, rik. 74448/2012.

9. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-30 ta' Jannar 2015 li għalih l-attriċi wieġbet fis-16 ta' Frar 2015. L-aggravji tal-appell huma: i. illi l-attriċi ngħatat rimedju tajjeb u biżżejjed fil-proċeduri ċivili; ii. illi l-Prim' Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu; iii. illi ma kienx hemm ksur tal-Art. 33 tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 2 tal-Konvenzjoni; iv. illi l-attriċi ma kellhiex tingħata r-rimedju li tatha l-ewwel Qorti; u v. illi l-konvenuti ma kellhomx ibatu spejjeż.

10. Billi t-tieni aggravju – dak dwar il-leġittimità passiva tal-Prim' Ministru – tolqot l-identità tal-partijiet fil-kawża, il-Qorti sejra tibda billi tqis dak l-aggravju.

11. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq l-Art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fit-tweġiba tagħha l-attriċi fissret illi ħarrket ukoll lill-Prim' Ministru għax "intalbet dikjarazjoni li mhux biss xi tħaddim ta' liġi, iżda liġi partikolari kienet qiegħda tammonta għal vjolazzjoni. B'hekk … … … ma kienx sejjer ikun hemm integrità ta' ġudizzju għajr bil-preżenza tal-appellant Prim' Ministru".

12. Il-Qorti tosserva illi konvenut f'din il-kawża la huwa l-Prim' Ministru u lanqas ma huma l-Avukat Ġenerali jew il-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali: il-konvenut huwa l-Gvern ta' Malta, u l-persuni mħarrka huma mħarrka bħala rappreżentanti tal-Gvern ta' Malta għax huwa l-Gvern ta' Malta li jirrappreżenta

lill-Istat ta' Malta quddiem il-qrati. Ladarba din hija kawża kontra l-Gvern ta' Malta, u l-uffiċjali li jidhru f'isem il-Gvern ta' Malta f'azzjonijiet ġudizzjarji, irrispettivament min-natura tal-azzjoni, huma dawk u dawk biss imsemmija fl-Art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li fosthom ma hemmx il-Prim' Ministru, il-Prim' Ministru kien manifestament imħarrek ħażin.

13. L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu għall-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali, iżda ma tressaq ebda aggravju dwar dan.

14. L-aggravju dwar il-leġittimità passiva tal-Prim' Ministru għalhekk sejjer jintlaqa', u l-Prim' Ministru jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

15. Ngħaddu għalhekk għall-ewwel aggravju, dak li jgħid illi l-attriċi ngħatat rimedju tajjeb u biżżejjed fil-proċeduri ċivili, li ġie mfisser hekk mill-konvenuti:

> "Illi dwar din l-eċċezzjoni l-ewwel onorabbli Qorti ddeċidiet li għalkemm ir-rikorrenti utilizzat rimedji ordinarji permezz tal-proċeduri ċivili fl-ismijiet Vincent Chetcuti *et vs* Direttur Ġenerali tal-Ħabs *et* (Appell Ċivili Nru 608/1995) u permezz tagħhom ħadet riżarċiment mhux negliġibbli ta' tmienja u tletin elf, mitejn u tlettax-il-euro (€38,213) dan ir-rimedju kien ikopri biss danni pekunjarji u ma kienx effettiv u effikaċi sabiex jinkludi d-danni morali li r-rikorrenti kienet qed tfittex permezz tal-proċeduri kostituzzjonali. L-ewwel Qorti għamlet referenza ampja għas-sentenza Brincat and others *v.* Malta deċiża f'Lulju 2014 f'dan il-kuntest.
>
> "Illi l-esponenti ma jaqblux ma' dawn il-konstatazzjonijiet. Anke jekk ben konxji tas-sentenza ta' Brincat and others, liema sentenza esponiet veduta differenti minn dik espressa mill-qrati nostrali dwar l-eżawriment tar-rimedju ordinarju, l-esponenti jibqgħu jsostnu li meta r-rikorrenti ngħatat riżarċiment kumplessiv għat-telf ta' ħajja ta' Carlos Chetcuti, tali riżarċiment kien mhux biss jinkorpora fih rimedju għan-nuqqas ħolistiku tal-Istat li jopera sistema adegwata ta' kura għal dawk id-detenuti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li kellhom problemi ta' dipendenza

fuq id-droga, iżda wkoll rimedju li jagħmel tajjeb għat-telf komplessiv tal-ħajja ta' Carlos Chetcuti bil-konsegwenzi kollha li ġġib magħha fosthom iċ-"*changes and chances of life"* u l-*working years expectancy*".

"Illi effettivament fil-każ odjern, meta l-qrati ċivili akkordaw id-danni fil-kawża ċivili li tikkonċerna l-mewt ta' Carlos Chetcuti, huma kienu qegħdin jieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li mhux biss wasslu għall-mewt ta' Chetcuti minħabba n-nuqqasijiet tal-Istat imma wkoll l-elementi l-oħra kollha f'ħajtu li d-*decujus* kien kostrett ma jgawdix *stante* l-mewt bikrija tiegħu.

"Illi kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel onorabbli Qorti, fil-fehma umli tal-esponenti, dan ifisser għalhekk li għalkemm danni morali m'humhiex speċifikatament imsemmija fil-liġi però l-mod kif jiġu kalkulati u likwidati d-danni f'każijiet bħal dak odjern ikunu qegħdin jinkorporaw id-danni morali minkejja n-nuqqas ta' riferenza speċifika għalihom. Wara kollox id-danni mogħtija fil-kawża ċivili li intavolaw l-eredi ta' Carlos Chetcuti bħal per eżempiu d-danni għat-telf ta' qligħ futur u għaċ-*changes and chances of life* ġew akkordati minkejja li ma kien hemm ebda prova ta' telf attwalment soffert. Dawn id-danni għalhekk ġew mogħtija fuq bażi ta' telf t'opportunitajiet li fil-prattika jissarrfu "*in a veiled form of moral compensation*".

"Illi fil-fehma tal-esponenti, qari akkurat tal-mertu tal-kawża ċivili fl-ismiiiet <u>Vincent Chetcuti *v.* Direttur Ġenerali *et*</u>, flimkien mal-kunsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet ta' dawk il-qrati kellu jikkonvinċi lill-ewwel onorabbli Qorti li r-rikorrenti odjerna kellha rimedju ordinarju effikaċi u effettiv għall-ilment tagħha – azzjoni li wasslet għad-determinazzjoni ta' responsabbiltà u likwidazzioni ta' danni inkluż dawk intrinsikament morali.

"Illi għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost din l-eċċezzjoni kellha tintlaqa' u mhux tiġi miċħuda u għalhekk l-esponenti jitolbu lil din il-Qorti sabiex tilqa' dan l-ewwel aggravju tagħhom."

16. L-attriċi wieġbet hekk:

"Illi fl-ewwel lok talba għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' drittijiet fundamentali ma tista' qatt tiġi promossa quddiem il-qrati ordinarji. Huwa ben risaput li l-unika mezzi disponibbli għal persuna sabiex titlob dikjarazzjoni f'dan is-sens jinstabu fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan jista' jintalab kemm bl-utilizzar ta' kawza *ad hoc* a tenur tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni nostrana jew permezz ta' talba ta' referenza taħt is-subartikolu sussegwenti. Mkien però ma jirriżulta li xi Qorti ordinarja għandha kompetenza li tinvestiga vjolazzjonljiet ta' din in-natura. Għalhekk biss, anke minn ottika ta' talba dikjaratorja *sic et sempliciter*, l-esponenti ma kellhiex rimedju iehor.

"Illi fit-tieni lok – u hawnhekk issir referenza għat-talba speċifika għal danni morali – l-appellata tirrrbatti billi terġa' tagħmel referenza għas-sentenzi miġjuba quddiem l-ewwel onorabbli Qorti. L-appellata ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tal-

> appellanti li l-artikolu 1045 jew l-artikolu 1046 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinkludu fihom xi forma ta' danni morali. L-evoluzzjoni ta' dawn l-artikoli sa mill-Ordinanza nru VII tas-sena 1868 juri li mkien qatt ma daħħal dan it-tip ta' rimedju. L-unika varjanzi li kien hemm matul dan l-aħħar seklu u nofs kien l-ammont li seta' jiġi likwidat. … … …
> "Illi kif ġie diġà umilment sottomess, meta l-liġi riedet takkorda danni mhux pekunjarji fid-dritt ordinarju għamlet hekk espressament. … … …"

17. Qabel ma tqis il-meritu tal-aggravju l-Qorti sejra tagħmel xi osservazzjonijiet ta' natura ġenerali dwar id-danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja.

18. Qabel xejn għandu jingħad illi l-Art. 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili, li fuqhom huwa msejjes l-argument illi ma jingħatawx danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja, għax dawk l-artikoli jaħsbu biss għal *damnum emergens* u *lucrum cessans*, jinsabu fit-tieni Sub-sub-titolu (§II) tas-Sub-titolu tnejn (II) tat-Titolu erbgħa (IV) tat-tieni (II) Taqsima tat-tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili: *Fuq id-Delitti u Kważi-delitti*. Għalhekk jolqtu biss id-danni *ex delicto* u mhux dawk minn għejjun oħra ta' obbligazzjonijiet.

19. Issa fil-każ tallum Carlos Chetcuti kien taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Ħabs u għalhekk ir-relazzjoni bejniethom aktar għandha min-natura ta' relazzjoni kuntrattwali jew, għall-inqas, billi ma kinitx kunsenswali, *ex lege*, milli relazzjoni *ex lege aquilia*. Għalhekk, is-saħħa tal-argument imsejjes fuq l-Art. 1045 u 1046 jonqos ħafna.

20. Tassew illi, bi ftit eċċezzjonijiet, il-ġurisprudenza tgħid illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili ma jagħtux danni non-pekunjarji jew morali.

Dan ma hux għax hemm disposizzjoni tal-liġi positiva li espressament tivvjeta d-danni morali iżda għax il-qrati, influwenzati x'aktarx mis-sentiment *favor debitoris*, adottaw interpretazzjoni x'aktarx stretta u riġida tal-Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, il-liġi ċivili ma għandhiex tiġi interpretata *in vacuo* bħallikieku fl-interpretazzjoni tal-liġi ċivili l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili ma għandhomx iqisu wkoll il-prinċipji kostituzzjonali u d-drittijiet fondamentali. Tassew illi, fejn hemm konflitt irrikonċiljabbli bejn il-liġi ċivili u dik kostituzzjonali jew il-Konvenzjoni, huma l-qrati ta' ġurisidizzjoni kostituzzjonali li għandhom is-setgħa li jgħidu illi dik id-disposizzjoni tal-liġi ċivili għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett bejn il-partijiet fil-kawża. Fejn, iżda, hija possibbli "interpretazzjoni konformi" mal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni, il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili għandhom, bla ma b'hekk ikunu qegħdin jusurpaw setgħat li ma humiex tagħhom, jinterpretaw il-liġi ċivili ordinarja b'mod "konformi" mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni flok jagħżlu interpretazzjoni li toħloq konflitt u hekk joħolqu sitwazzjoni anti-kostituzzjonali li tista' tiġi rimedjata biss wara kawża kostituzzjonali u jqiegħdu wkoll lill-istat Malti fi stat ta' ksur tal-obbligi Internazzjonali tiegħu taħt il-Konvenzjoni.

21. Ngħaddu issa għall-meritu proprju tal-aggravju: l-attriċi ngħatat rimedju tajjeb u biżżejjed bid-danni likwidati favur l-awtur tagħha fil-kawża ċivili?

22. Fl-ewwel agrument tagħha kontra l-aggravju l-attriċi tgħid illi "talba għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' drittijiet fundamentali ma tista' qatt tiġi promossa quddiem il-qrati ordinarji" u illi "l-unika mezzi disponibbli għal persuna sabiex titlob dikjarazzjoni f'dan is-sens jinstabu fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta".

23. Dan huwa minnu, iżda xorta tibqa' l-kwistjoni jekk dik id-dikjarazzjoni hijiex meħtieġa jew jekk ingħatax ġà rimedju xieraq u biżżejjed mill-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili.

24. Din il-Qorti hija tal-fehma illi d-dikjarazzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, konfermata mill-Qorti tal-Appell *in re* Vincent Chetcuti *v.* Direttur tal-Ħabs u Ministru tal-Intern, b'termini x'aktarx qawwija u enfatiċi illi kienu n-nuqqasijiet tal-awtoritajiet li wasslu, kemm direttament kif ukoll indirettament, għall-mewt ta' Carlos Chetcuti, huma ta' sodisfazzjoni biżżejjed għall-attriċi mingħajr ħtieġa ta' dikjarazzjoni ulterjuri ta' ksur ta' jeddijiet fondamentali. Il-fatt li l-istess dikjarazzjoni terġa' tingħata minn din il-Qorti ma jżid xejn.

25. Iżda l-attriċi ma hijiex qiegħda titlob biss dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali iżda wkoll il-ħlas ta' danni non-pekunjarji b'żieda mad-danni likwidati fil-kawża ċivili. Hawn ukoll tqum il-

kwistjoni jekk humiex meħtieġa d-danni non-pekunjarji, b'żieda ma' dawk pekunjarji, biex ikun ingħata rimedju xieraq u biżżejjed.

26. Il-Qorti tosserva illi f'dan il-każ ma kienx hemm dipendenza tal-attriċi fuq il-mejjet, u ma kien hemm ebda affinità affettiva bejniethom għajr dik familjari li, iżda, ma kinitx waħda qawwija fl-effetti tagħha. L-attriċi ma wrietx illi ġarrbet tbatija u sofferenza kbira minħabba ċ-ċirkostanzi tal-mewt, elementi li tqiesu relevanti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ Paul u Audry Edwards *v.* ir-Renju Unit[6]. Kull ma wriet l-attriċi hu li hi daħlet fiż-żarbun ta' missier Carlos Chetcuti bħala werriet tieghu wara mewtu. La wriet li kellha relazzjoni affettiva u effetiva man-neputi taghha u lanqas ressqet xiehda li qatt uriet interess f'Carlos Chetcuti waqt li kien il-ħabs, imqar permezz ta' xi żjara, telefonata jew korrispondenza.

27. Il-fatt li, bħala regola, f'każijiet xierqa, jista' jkun hemm jedd għal danni morali jew non-pekunjarji f'każijiet bħal dan tallum ma jfissirx li bilfors, f'kull każ, dawk id-danni għandhom jingħataw, bla ma tqis kemm tkun qawwija jew dgħajfa r-rabta bejn il-mejjet u min jitlob id-danni. Il-mewt ta' persuna, aktar u aktar meta l-mewt tkun traġika u li setgħet ġiet evitata, iġġib niket għal kulħadd; iżda biex min iħalli warajh il-mejjet ikollu jedd għal danni morali huwa meħtieġ illi tintwera tbatija u sofferenza fi grad

[6] Para. 104 *et seqq.*

illi ma ntweriex fil-każ tallum. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti tifhem illi l-kumpens "mhux negliġibbli", kif definit mill-ewwel Qorti, ta' tmienja u tletin elf, mitejn u tlettax-il euro (€38,213) ġà likwidat mill-qrati ċivili huwa rimedju xieraq u biżżejjed għal kull forma ta' dannu li setgħet ġarrbet l-attriċi minħabba l-mewt ta' Carlos Chetcuti.

28. Dan l-aggravju, għalhekk, għandu jintlaqa', u ma jibqax meħtieġ illi l-Qorti tqis l-aggravji l-oħra tal-konvenuti.

29. Il-Qorti għalhekk taqta' l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-Prim' Ministru u, minflok, teħles lill-Prim' Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju; tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tieni talba u tħassarha fil-bqija. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | NoelCuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb